# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Kawża Numru 9398/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs**

**Matthew Falzon**

**Illum, 29 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Matthew Falzon bil-karta tal-identità numru 0002584M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli bejn l-04 u s-06 ta' Settembru, 2023, ġewwa Qormi,

1. *Volontarjament hassar, għamel hsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor għad-dannu ta' Shanel Pace liema hsara saret fuq il-vettura Opel SHA290 li tammonta għal inqas minn € 2,500 u aktar minn € 250;*

2. *Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor għad-dannu ta' Pauline Vella liema ħsara saret fuq il-vettura Suzuki DCH 894, li tammonta għal inqas minn € 2500 u aktar minn € 250;*

3. *Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor għad-dannu ta' Michelle Buhagiar liema hsara saraet fuq il-vettura Toyota LcM 512 li tammonta għal inqas minn € 2500 u aktar minn € 250;*

*Kif ukoll nakkużah talli bejn 02 u 03 ta' Diċembru 2023 gewwa Qormi;*

4. *Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor għad-dannu ta' Shanel Pace liema ħsara saret fuq il-vettura Opel SHA 290 li tammonta għal inqas minn € 2500 u aktar minn € 250;*

5. *U wkoll talli jgħix ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ;*

*Il-Qorti hija ġenitlment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

L-imputat qed jiġi akkużat bi ħsara volontarja ai termini tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola li:

> *325.(1) Kull min, b'meżżi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*
>
> *...(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar*

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha prodotti, tqis li din ġiet ampjament ippruvata mill-Prosekuzzjoni. Il-Qorti kkunsidrat ix-xhieda ta' Shanel Pace, li kkonfermat li hija ħalliet il-vettura tagħha pparkjata fi Triq Kardinal Sciberras, Qormi, u li l-vettura ma kellha l-ebda ħsarat. Ikkonfermat wkoll li l-għada, hija osservat li kien hemm daqqa fonda ġol-bieba fin-naħa tal-passiġġier. In fatti, irriżulta mix-xhieda tas-Surġent PS 1585 James Weatherill, li wara li sar ir-rapport minn Shanel Pace, seta' jiġi kkonstatat li l-vettura bin-numru SHA 290, kellha ħsarat fuq il-bieba li kienet kompatibbli u tidher li hija daqqa ta' sieq, peress li kien hemm nofs *footprint.* L-istess Surġent spjega li l-Pulizija ġabret il-filmati, li wkoll ġew eżebiti, u minnhom tidher persuna riesqa lejn il-vettura u għalxejn b'xejn, jagħti daqqa ta' sieq fuq il-bieba. L-istess Surġent għaraf lill-imputat fl-awla, bħala l-persuna li kien jidher fil-filmat eżebit bħala Dok JW1.

In oltre, il-Qorti qieset li għalkemm l-imputat ma xehedx f'dawn il-proċeduri, huwa kien irilaxxa stqarrija, wara li kien irrifjuta l-assistena ta' avukat, qabel u waqt l-interrogazzjoni tal-Pulizija. Meta ġie mistoqsi dwar l-inċident tas-6 ta' Settembru, 2023, huwa wieġeb b'dan il-mod:

*M: Fis-06 ta' Settembru 2023 daħlu 3 rapporti ġewwa l-għassa ta' Hal Qormi ta' bejn 04 ta' Settembru u s-06 ta' Settembru li kienu kollha rapporti ta' ħsarat fuq vetturi pparkjati ġewwa Ħal Qormi? X' taf tgħidli fuq dawn ir-rapporti?*

*D: Kont jien.*

*M: Filmat meħud minn CCTV camera fejn kienet ipparkjata waħda minn dawn il-vetturi li fuqha sar rapport Opel SHA 290, juri persuna maskili qed jagħti daqqiet fuq din il-vettura. Xi tgħidli fuq dan?*

*T: Ma niftakarx li għamilt hekk.*

*M: Jekk ngħidlek li minn dan il-filmat il-Pulizija għarfu lilek bħala dik il-persuna maskili li qed tagħmel il-ħsarat, xi tgħidli?*

*T: Kont jien hux."*

Madanakollu, għalkemm meta mistoqsi jekk huwa għamilx ħsara fuq il-vetturi Suzuki DCH 894 u Toyota LCM 512, huwa spjega li nesa u meta mistoqsi dwar l-ammont ta' ħsara tal-vettura Opel SHA 290 u l-ħsara tal-vettura DCH 894, huwa sostna li kien lest iħallas għal dawn l-ispejjeż sofferti b'rati mensili.

Din il-Qorti tqis għalhekk, li fid-dawl tal-provi prodotti, din l-ewwel imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, u ċioè ħsara volontarja fuq Suzuki DCH894, il-Qorti qieset ix-xhieda ta' James Mercieca u Pauline Vella, li spjegaw li sabu ħsarat fuq il-bieba ta' wara tan-naħa tax-xufier. Il-Qorti qieset ix-xhieda tas-Surġent PS 1585 James Weatherill. Dan spjega li dan l-inċident, kien l-istess *modus operandi* tal-inċident rigwardanti l-ewwel imputazzjoni, fis-sens li ngħatat daqqa ta' sieq fuq din il-vettura. F'dan il-każ iżda, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tottjeni filmat, fejn jidher għaddej miexi l-imputat, iżda l-att ta' meta ġiet ikkaġunata l-ħsara fuq il-vettura, ma jidhrix. Din il-Qorti għalhekk, ma tqisx li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tressaq provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li kien proprju Matthew Falzon li kkaġuna din il-ħsara fuq din il-vettura partikolari. Huwa minnu li d-daqqa tikkonsisti f'daqqa ta' sieq, u ċioè l-istess *modus operandi* ta' kif ġiet ikkaġunata l-ħsara fuq il-vettura indikata fl-ewwel imputazzjoni. Huwa minnu wkoll li kien għaddej minn din it-triq u li l-istess Falzon ikkaġuna ħsarat fuq vettura oħra pparkjata f'Ħal Qormi, iżda din il-Qorti ma tistax għalhekk tassumi, li kien proprju l-istess Matthew Falzon li kkaġuna l-ħsarat fuq din il-vettura DCH894. Din il-Qorti lanqas ma tista' tistrieħ fuq l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, peress li huwa kien vag ħafna fir-risposti tiegħu, u kemm-il darba sostna li nesa x'kien għamel.

Għalhekk din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, din il-Qorti qieset ix-xhieda mogħtija minn PS 2329 Tiziana Azzopardi. Fl-affidavit tagħha jissemma, li Michelle Buhagiar kienet irraportat il-ħsara fuq il-vettura tagħha LCM 512, u kienet qaltilha li sabet bħal forma ta' żarbuna mal-vettura tagħha, u li xi ġar tagħha qalilha li ra persuna maskili miexi u jixxuttja l-karozzi. Madanakollu, dan il-ġar qatt ma tressaq mill-Prosekuzzjoni, bil-għan li jkun jista' jixhet iktar dawl fuq x'kien allegatament ra u dwar min kienet din il-persuna maskili. Qieset ix-xhieda ta' Michelle Buhagiar, iżda din kull ma setgħet tikkonferma kien, li l-vettura tagħha kienet ipparkjata f'post partikolari, u li wara nnotat li ġiet ikkaġunata ħsara fuq din il-vettura.

Għal darb' oħra, din il-Qorti, bħal ma già ġie spjegat iktar 'il fuq, ma tistax tasal biex tattribwixxi ħtija fuq l-imputat fir-rigward ta' din it-tielet imputazzjoni.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, is-Surġent PS 1585 James Weatherill spjega, li sar rapport ieħor fir-rigward l-istess vettura indikata fl-ewwel imputazzjoni, iżda fir-rigward ta' dan l-inċident, ma ġie elevat l-ebda filmat. Qieset ix-xhieda ta' Shanel Pace, iżda din ma setgħet tixħet l-ebda dawl dwar min kien ikkaġuna għal darb' ohra din il-ħsara. In oltre, din il-Qorti, għalkemm staqsiet lil Pace jekk kinitx taf lill-imputat, u kellhiex xi diżgwid miegħu, hija rrispondiet li ma tafux, u li qatt ma kellha x'taqsam miegħu. In oltre, meta mistoqsija jekk il-vettura tagħha għandhiex xi sinjali, marki jew stickers, li permezz tagħhom il-vettura tiġi identifikata iktar malajr, u li per konsegwenza, l-aggressur fl-ewwel inċident seta' jagħraf immedjatament din il-vettura, Pace rrispondiet fin-negattiv.

Din il-Qorti qieset ukoll li fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat dwar l-inċident ta' Diċembru, huwa sostna li nesa, u għalhekk ma wieġeb xejn dwar dik il-ħsara li ġiet ikkaġunata f'dik id-data.

Għal darb' ohra, din il-Qorti tqis li ma tressqux provi suffiċjenti mill-Prosekuzzoni, biex tinstab ħtija fl-imputat fir-rigward ta' din ir-raba' imputazzjoni. Din il-Qorti mhijiex qorti tal-immaginazzjoni jew tal-assunzjonijiet, iżda hija Qorti tal-provi, u għalhekk, għalkemm tifhem is-sitwazzjoni tal-persuni li ġarbu tali ħsarat, ma tistax tasal għall-konklużżjoni li għaliex l-imputat ikkawża ħsara fuq vettura partikolari, f'data u ħin partikolari, kien l-istess imputat li kkaġuna l-bqija tal-ħsarat fuq vetturi oħra.

Dwar il-ħames imputazzjoni, din il-Qorti tqis li din ġiet ampjament ippruvata meta tevalwa x-xhieda tas-Surġent Weatherill, u anke dak li stqarr l-imputat, fl-istqarrija ġuramentata tiegħu.

Dwar l-ammont ta' ħsara sofferta in konnessjoni mal-ewwel imputazzjoni, issir referenza għal sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar, 2003, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, fejn ġew elenkati l-metodi kif jista' jiġi determinat il-valur ta' ħsarat. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

*"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jingħad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara għall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodiċi) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem biżżejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jeżamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leża tgħid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fil-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-hsara."*

F'din il-kawża, ġew eżebiti diversi dokumenti u anke ttella' rappreżentant tas-soċjetà assigurattiva, li xehed dwar il-kwantum tal-ispejjeż relattivi, biex ġiet rimedjata l-ħsara fuq il-vettura SHA 290, għal dak li għandu x'jaqsam mal-inċident li seħħ bejn l-4 u s-6 ta' Settembru, 2023. L-ammont biex tiġi rimedjata l-ħsara ġiet tiswa €1,537.74ċ (Vide Dok BA1).

**Deċide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(d), 325(1)(b) u 338(w) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni, filwaqt li ssib lill-imputat ħati tal-ewwel u tal-ħames imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal tmien (8) xhur priġunerija effettiva. Il-Qorti qiegħda tordna lill-ħati, iħallas il-ħsarat li kkaġuna fuq il-vettura SHA 290, u ċioè s-somma ta' elf, ħames mija, sebgħa u tletin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmi tal-Ewro (€1,537.74ċ).**

**Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, sabiex sakemm il-ħati jkun qed jiskonta l-piena imposta, jingħata kull għajnuna neċessarja, inkluż dik medika, psikoloġika u soċjali, u kull għajnuna oħra li tista' tgħin lill-ħati jsib stabbilità f'xi impjieg u akkomodazzjoni, wara li jiskonta l-piena.**

**Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza, lill-Ministru għall-Politika Soċjali u Drittijiet tat-Tfal, Dr Michael Falzon, kif ukoll lill-Ministru għall-**

**Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, is-Sur Roderick Galdes.**

---

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

---

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**